Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

13 ta' Frar, 1998

ATT Nru. V ta' l-1998

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:–

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1998 li jemenda l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Att Nru. XVIII ta' l-1994.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (a) ta' l-artikolu 7 u tal-paragrafu (d) ta' l-artikolu 8, u ta' l-artikolu 6 ta' dan l-Att għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1998; u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (4) sa (9) u tas-subartikoli (11) u (12) ta' l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali kif emendati bl-artikolu 5 ta' dan l-Att, għandhom jitqiesu li bdew japplikaw mill-1 ta' Jannar, 1998.

(3) Id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1997.

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

2. Fl-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "uffiċjal li jkun qed iservi" għandhom jidħlu l-kliem "persuna li tkun qed isservi".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

3. Minnufih wara s-subartikolu (7) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(8) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu m'għandha żżomm il-konsenja ta' dokumenti mill-Kummissarju skond ma hemm fl-artikolu 19A ta' dan l-Att.".

Żieda ta' l-artikolu 19A ġdid ma' l-Att prinċipali.

4. Minnufih wara l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Dokumenti li jkun fihom prova ta' xi att jew nuqqas minn detentur ta' *warrant*. Kap. 281.

19A. (1) F'dan l-artikolu:

(a) "detentur ta' *warrant*" tfisser persuna jew ditta li tkun fil-pussess ta' *warrant* maħruġ bis-saħħa ta' l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*;

(b) "Bord" tfisser il-Bord ta' l-*Accountancy* kostitwit bl-artikolu 6 ta' l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*.

(2) Meta l-Kummissarju jkun tal-fehma li dokument li jkun ġie mogħti lilu jew inkiseb minnu għal xi raġuni li tkun skond l-Atti dwar it-Taxxi għas-sena li tiġi minnufih qabel is-sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar, 1998 u għas-snin sussegwenti, li jkun dokument li għalih jirreferi dan l-artikolu, ikun jikkostitwixxi jew ikun fih prova ta' xi att jew nuqqas min-naħa tad-detentur ta' *warrant*, u li dak l-att jew nuqqas ikun att jew nuqqas bħalma hu msemmi fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 14 ta' l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*, huwa għandu jibgħat, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, kopja ta' dak id-dokument lill-Bord.

(3) Il-Kummissarju għandu jiċċertifika kull dokument li jibgħat lill-Bord skond ma hemm fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu bħala kopja vera ta' l-oriġinal u għandu jibgħat lill-Bord, flimkien ma' kull dokument bħal dak, dikjarazzjoni li fiha jagħti r-raġunijiet li fuqhom ikun ibbaża l-fehma tiegħu, b'dan illi f'dik id-dikjarazzjoni ma tista' ssir ebda riferenza għal xi fatt jew ċirkostanza li ma jkunux jirriżultaw minn dawk id-dokumenti.

(4) Il-Bord jista' juża dokument li jkun irċieva skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu bil-għan ta' xi inkjesta li l-Bord ikun qed jagħmel bis-saħħa ta' l-Att imsemmi, iżda mhux għal xi għan ieħor.

(5) Dokument li jintbagħat lill-Bord u li jiġi ċertifikat bħala kopja vera ta' l-oriġinal skond dan l-artikolu għandu jkun ammissibbli bħala prova bħallikieku kien l-oriġinal, u l-produzzjoni ta' dak id-dokument m'għandha tagħti setgħa lill-ebda qorti jew awtorità sabiex din titlob lill-Kummissarju jipproduċi l-oriġinal ta' dak id-dokument jew li jixhed dwar dak id-dokument ħlief hekk kif jista' jiġi permess taħt id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' l-Atti dwar it-Taxxi:

Iżda l-Kummissarju jista' jenħtieġ li jipproduċi l-oriġinal ta' kull dokument bħal dak f'kull każ meta dan ikun meħtieġ sabiex tinġieb prova dwar il-kalligrafija jew il-firma jew l-identità tad-detentur ta' *warrant* involut, u bil-għan li tinġieb dik il-prova biss u sakemm l-oriġinal imsemmi jitreġġa' lura lill-Kummissarju malli dan ma jkunx aktar meħtieġ għal dak l-għan li għalih ikun ġie prodott.

(6) Il-Bord għandu jgħarraf bil-miktub lill-Kummissarju, fi żmien raġonevoli minn meta jkun irċieva dokument li jkun intbagħatlu skond ma hawn f'dan l-artikolu, jekk ikunx qiegħed jipproponi li juża dak id-dokument għall-għan imsemmi fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu jew le, u jekk le, il-Bord għandu jiddikjara xi tkun ir-raġuni għad-deċiżjoni tiegħu li ma jagħmilx użu minnu u għandu jibgħat id-dokument lura lill-Kummissarju.

(7) Fi żmien raġonevoli mill-għeluq ta' inkjesta li fiha jkunu intużaw xi dokumenti li jkunu ġew riferiti lill-Bord skond ma hawn f'dan l-artikolu, il-Bord għandu jikkonsenja lill-Kummissarju kopja tad-deċiżjoni tiegħu fuq dik l-inkjesta.

(8) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu m'għandha tinftiehem bħala:

(a) li tagħti setgħa lill-Bord li jitlob xi tagħrif jew dokumenti mingħand il-Kummissarju jew li l-Bord xort'oħra jkollu aċċess għal xi dokumenti jew tagħrif ieħor li jkollu l-Kummissarju;

(b) li torbot lill-Kummissarju li jagħti xiehda jew xi spjegazzjoni dwar dawk id-dokumenti li huwa jkun għadda lill-Bord;

(ċ) li torbot lill-Kummissarju biex imexxi xi investigazzjoni jew jagħmel xi rapport fuq l-imġieba ta' xi detentur ta' *warrant*.

(9) Dawk id-dokumenti li dan l-artikolu jirriferi għalihom huma:

(a) kull rapport jew ċertifikazzjoni ffirmati minn detentur ta' *warrant;*

(b) kull *record,* ktieb, kont jew komputazzjoni, jew xi estratt minnhom, li dwarhom ikunu saru xi rapport jew ċertifikazzjoni kif hemm imsemmi fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu:

Iżda dokument imsemmi f'dan il-paragrafu m'għandux jitqies bħala dokument li għalih japplika dan l-artikolu kemm-il darba dan ma jintbagħatx lill-Bord flimkien ma' dak ir-rapport jew dik iċ-ċertifikazzjoni.".

Emenda ta' l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali.

5. L-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikoli (7), (8) u (9) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (10), (11) u (13) rispettivament;

(b) minflok is-subartikoli (1) sa (6) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Meta xi persuna tħallas xi *income* taxxabbli taħt il-paragrafu (b) jew (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* jew xi *income* ħekk kif jista' jiġi preskritt, hi għandha, fil-ħin tal-ħlas, tnaqqas it-taxxa minnu f'dak l-ammont u b'dak il-mod ħekk kif jista' jiġi preskritt skond dan is-subartikolu jew skond kull dispożizzjoni oħra ta' l-Att dwar it-Taxxi.

(2) Kull taxxa mnaqqsa kif meħtieġ skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tintbagħat lill-Kummissarju b'dak il-mod u f'dak iż-żmien li jista' jiġi ħekk preskritt.

(3) Tnaqqis ta' taxxa li jsir taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jitpatta għall-finijiet ta' ġbir mat-taxxa tal-persuna li dwarha ssir stima fuq l-*income* korrispondenti għas-sena ta' stima li tiġi wara dik li matulha jkun sar it-tnaqqis relattiv, jew ma' dik ta' xi sena ta' stima oħra kif jagħżel il-Kummissarju u kull taxxa li ma tistax titpatta kif intqal qabel għandha tiġi mħallsa lura skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 48 ta' dan l-Att:

Iżda dik it-taxxa m'għandhiex titpatta jew tiħallas lura kif imsemmi qabel sakemm il-persuna li tkun qiegħda tirċievi l-*income* ma tkunx saret stima dwarha fuq l-*income* korrispondenti għas-sena ta' stima li tiġi wara dik is-sena li matulha jkun sar it-tnaqqis:

Iżda wkoll, id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma japplikawx meta xi taxxa mnaqqsa kif intqal qabel ma tkunx ġiet mibgħuta lill-Kummissarju u l-Kummissarju jkun sodisfatt li dak in-nuqqas li tintbagħat kien minħabba xi ħtija jew konnivenza tal-persuna li tirċievi l-*income*.

(4) Jekk xi persuna tonqos li tnaqqas taxxa skond id-dispożizzjonijiet ta' xi regoli msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jew, wara li tnaqqas dik it-taxxa, tonqos li tħallasha lill-Kummissarju fiż-żmien preskritt jew xort'oħra tonqos milli tħares id-dispożizzjonijiet ta'dawk ir-regoli, hija tista' teħel dik it-taxxa addizzjonali preskritta li l-Kummissarju għandu setgħa li jimponi taħt is-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu u meta jkun hekk japplika huwa għandu, b'żieda, jintalab iħallas it-taxxa li kellha tiġi mnaqqsa jew imħallsa.

(5) Meta l-Kummissarju jkollu għaliex jaħseb li persuna tkun naqset kontra d-dispożizzjonijiet ta' xi regoli msemmija taħt dan l-artikolu huwa jista' f'kull żmien jinnotifika avviż ta' nuqqas lil dik il-persuna kif preskritt li fih juri x'inhi t-taxxa li kellha titnaqqas jew tingħata lura u/jew kull taxxa addizzjonali imposta fuqu kif imsemmi qabel, b'dan illi dik it-taxxa addizzjonali ma tkunx teċċedi s-somma ta' mitejn lira għal kull nuqqas; u t-taxxa addizzjonali hekk imposta għandha tinkombi fuq dik il-persuna li għaliha japplika s-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu u din ma tkunx tista' tittieħed lura minn dik il-persuna kollha kemm hi jew f'parti minnha mingħand il-persuna li tkun qed tirċievi l-*income*.

(6) Jekk persuna tħoss ruħha aggravata b'avviż ta' nuqqas li jiġi notifikat lilha taħt is-subartikolu (5) ta' dan l-

artikolu, hija tista' tirrikorri għand il-Kummissarju bil-miktub billi tikkontesta dak l-avviż bil-mod u f'dak iż-żmien li jista' jiġi hekk preskritt.

(7) Meta persuna ma tkunx ikkontestat l-avviż ta' nuqqas imsemmi fis-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu jew meta l-kontestazzjoni tagħha tkun ġiet miċħuda, il-Kummissarju jista', meta l-ħlas tas-somma dovuta ma jkunx diġà sar, jinnotifika lil dik il-persuna b'avviż ta' talba li fih juri x'kienet dik it-taxxa li kellha tiġi mnaqqsa jew imħallsa lura u/jew kull taxxa addizzjonali imposta fuqha; u sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, dak l-avviż għandu jkun prova biżżejjed li l-ammont fih indikat ikun l-ammont li jkun dovut li jitħallas lill-Kummissarju minn dik il-persuna:

Iżda persuna li tkun ġiet notifikata b'avviż ta' talba b'konsegwenza ta' ċaħda mill-Kummissarju skond dan is-subartikolu tista' tappella minn dik id-deċiżjoni f'qorti tal-ġustizzja fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż.

(8) Il-Kummissarju jista' fid-diskrezzjoni tiegħu jagħti lura kollha kemm hi jew f'xi parti minnha xi taxxa addizzjonali imposta taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(9) Kull taxxa addizzjonali imposta taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu m'għandhiex titqies bħala parti minn xi taxxa mħallsa jew li jkollha titħallas għall-għanijiet ta' kull artikolu ieħor ta' dan l-Att jew ta' xi artikolu ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* jew tar-regoli kollha magħmulin bis-saħħa tagħhom.";

(ċ) fis-subartikolu (10) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "is-subartikolu (9)" għandhom jidħlu l-kliem "is-subartikolu (13)";

(d) fis-subartikolu (11) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "l-avviż" għandhom jidħlu l-kliem "l-avviż ta' talba", minflok il-kliem "fis-subartikolu (4)" għandhom jidħlu l-kliem "fis-subartikolu (7)", u minflok il-kliem "l-artikolu 119" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 116";

(e) minnufih wara s-subartikolu (11) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(12) Kull min japplika għaliħ dan l-artikolu għandu f'kull żmien iżomm *records* xierqa u suffiċjenti hekk kif jistgħu jiġu preskritti u għandu, meta hekk jintalab jagħmel

mill-Kummissarju jew minn xi uffiċjal pubbliku minnu għaldaqshekk awtorizzat bil-miktub, jipproduċi għall-ispezzjoni fil-fond ta' dik il-persuna jew ħekk kif xort'oħra ordnat, kull dokumentazzjoni dwar pagi, listi, dokumenti u *records* oħra li jkunu u li jkollhom x'jaqsmu ma' xi ħlas magħmul minnu ta' *income* li għandu jkun intaxxat skond il-paragrafu (b) jew (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, ma' xi *income* ieħor li jista' jiġi preskritt, ma' xi tnaqqis ta' taxxa li jkun sar minnu jew ma' l-ikkontjar ta' xi ħlas jew tnaqqis ta' taxxa bħal dawk:

Iżda dawk ir-*records* kollha għandhom jinżammu għal żmien ta' mhux inqas minn disa' snin wara li jintemmu t-transazzjonijiet, attijiet jew operazzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu magħhom u dawn għandhom ikunu dejjem disponibbli sabiex jiġu eżaminati f'kull waqt tul dak iż-żmien.

Iż-żmien ta' preskrizzjoni msemmi qabel m'għandu f'ebda każ jibda għaddej qabel ma dik il-persuna tkun osservat għal kollox id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u ta' kull regola li ssir bis-saħħa tagħhom."; u

(f) fis-subartikolu (13) kif enumerat mill-ġdid:

(i) minflok il-kliem "xi regoli magħmula bis-saħħa tiegħu teħel" għandhom jidħlu l-kliem "xi regoli msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu teħel";

(ii) fl-ewwel proviso li hemm mas-subartikolu, minflok il-kelma "l-artikolu" kull fejn tinsab fit-test Malti għandha tidħol il-kelma "is-subartikolu"; u

(iii) fit-tieni proviso li hemm mas-subartikolu, minflok il-kliem "jew ta' kull regola magħmula bis-saħħa tiegħu." għandhom jidħlu l-kliem "jew ta' kull regola msemmija fih.".

Emenda ta' l-artikolu 40 ta' l-Att prinċipali.

6. Minflok il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 40 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:–

"(b) l-avviż imsemmi fis-subartikolu (7) ta' l-artikolu 23 ta' dan l-Att;".

Emenda ta' l-artikolu 48 ta' l-Att prinċipali.

7. L-artikolu 48 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) minnufih wara l-paragrafu (ċ) tat-tieni proviso li hemm mas-subartikolu (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"Għall-għanijiet ta' dan il-proviso:

"kumpannija" tinkludi skema ta' investiment kollettiv; u

"dividend" tinkludi kull tqassim magħmul minn skema ta' investiment kollettiv."; u

(b) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "jew xi profitti mqassmin minn kumpannija b'kummerċ internazzjonali," għandhom jidħlu l-kliem "jew fuq il-profitti miksubin u mqassmin minn kumpannija filwaqt li din kienet kumpannija b'kummerċ internazzjonali,".

Emenda konsegwenzjali għall-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, Kap.123.

8. L-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (9) ta' l-artikolu 5 tiegħu, minflok il-kliem "skond il-każ, il-kost bażiku ta' l-attiv li għandu jiġi kkunsidrat ikun il-kost oriġinali kif kien qabel ma sar l-ewwel trasferiment." għandhom jidħlu l-kliem "jew lil persuna oħra, skond il-każ, il-kost bażiku u d-data ta' l-akkwist ta' l-attiv li għandu jiġi kkunsidrat ikun il-kost oriġinali u d-data meta jkun ġie akkwistat qabel ma sar it-trasferiment mill-ewwel kumpannija, li tkun kumpannija fi ħdan il-grupp.";

(b) fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 50 tiegħu, minflok il-kliem "għal dik is-sena ta' stima." għandhom jidħlu l-kliem "għal dik is-sena ta' stima:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda meta ssir dik l-għażla, għaldaqshekk, minkejja kull ħaġa oħra li tinsab f'dan l-Att, kull *income* tal-konjuġi, minbarra l-*income* imsemmi f'dan is-subartikolu u suġġett għat-taxxa taħt id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (a), (b) u (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att, għandu jiġi magħdud flimkien ma' l-*income* totali tal-konjuġi li jkollu l-ogħla *income* suġġett għat-taxxa skond dawk id-dispożizzjonijiet jew meta dak l-*income* totali tal-konjuġi jkun indaqs, dan għandu jiġi magħdud flimkien ma' l-*income* totali tal-konjuġi responsabbli, u, t-taxxa dovuta għandha tiġi kalkolata skond hekk.";

(ċ) fis-subartikolu (8) ta' l-artikolu 56 tiegħu, minflok il-kliem "persuna li tkun qed tirċievi dividend mingħand kumpannija b'kummerċ internazzjonali tiġi ntaxxata taxxa", għandhom jidħlu l-kliem "persuna li tkun qed tirċievi dividend imqassam minn kumpannija b'kummerċ internazzjonali minn profitti miksubin mill-kumpannija filwaqt li din kienet kumpannija b'kummerċ internazzjonali, tiġi ntaxxata taxxa";

(d) l-artikolu 59 tagħha għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) is-subartikolu (1) tiegħu kif inhu bħalissa għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu;

(ii) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid minflok il-kliem "Kull kumpannija residenti f'Malta tkun intitolata" għandhom jidħlu l-kliem "Kull kumpannija residenti f'Malta, li ma tkunx kumpannija msemmija fil-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu, tkun intitolata";

(iii) minnufih wara l-paragrafu (a) kif enumerat mill-ġdid tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(b) (i) Kull skema ta' investiment kollettiv tkun intitolata li tnaqqas mill-ammont ta' kull dividend, minbarra dividend imħallas minn profitti li jistgħu jitqassmu allokati lill-kont mhux intaxxat, imħallas lil xi azzjonista, taxxa bir-rata mħallsa, b'dik li għandha titħallas jew b'dik imġarrba mill-iskema ta' investiment kollettiv, skond liema rata tkun l-ogħla, bla ma jittieħed kont tal-ħelsien tat-taxxa doppja, fuq l-*income* li minnu dak id-dividend jitħallas:

Iżda meta t-taxxa ma titħallasx, ma għandhiex titħallas jew ma tkunx imġarrba mill-iskema ta' investiment kollettiv fuq l-*income* kollu li minnu d-dividend jitħallas, it-tnaqqis ikun ristrett għal dik il-porzjon mid-dividend li jitħallas mill-*income* li fuqu t-taxxa titħallas, għandha titħallas jew tkun imġarrba mill-iskema ta' investiment kollettiv.

(ii) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 31 ta' dan l-Att għandhom ikunu japplikaw għall-*income* ta' persuna li jitnissel minn dividend

imsemmi fis-subparagrafu (i) ta' dan il-paragrafu.";

(iv) fis-subartikolu (3) tiegħu minflok il-kliem "residenti f'Malta tkun naqqset" għandhom jidħlu l-kliem "residenti f'Malta, li ma tkunx kumpannija minn dawk imsemmija fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, tkun naqqset"; u

(v) minflok is-subartikolu (9) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(9) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu u ta' l-artikolu 60 ta' dan l-Att:

"azzjonista" tinkludi kull persuna li jkollha pussess ta' *units* fi skema ta' investiment kollettiv;

"dividend" tinkludi kull tqassim li jsir minn skema ta' investiment kollettiv;

"ħelsien tat-taxxa doppja" tfisser kull kreditu jew ħelsien ieħor għal taxxa barranija li jingħataw bis-saħħa ta' kull ħelsien stipulat fl-artikolu 74 ta' dan l-Att;

"kumpannija" tinkludi skema ta' investiment kollettiv; u

"taxxa li għandha tkun intaxxata lill-kumpannija" tinkludi taxxa mġarrba minn skema ta' investiment kollettiv, sew bi tnaqqis sew xort' oħra."; u

(e) fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 90A tiegħu, il-kliem "Dak l-avviż ikun biss validu sa tmiem is-sena kalendarja li jingħata fiha." għandu jitħassar.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 179 tat-2 ta' Frar, 1998.

MYRIAM SPITERI DEBONO
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati